**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 11 ta' Lulju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**
**vs**
**Norbert Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Norbert Zahra,** iben Joseph u Grace nee` Mallia, imwieled Pieta nhar is-16 ta' Frar 1978 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0112278M

Akkużat talli nhar il-5 ta' Novembru 2022, għal ħabta ta' 10:15hrs, ġewwa l-limiti ta' Triq Torri Mamo, Marsaskala:

1. Ikkaċja jew prova jikkaċja, ħa jew prova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha bi ksur ta' regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kont fil-pussess jew kellek fil-kontroll tiegħek jew żammejt kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew xi parti li tista' tingħaraf jew derivattivi ta' xi għasfur, ma ġewx dikjarati mal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, u mingħajr ma' kien fil-pussess ta' permessi jew ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġa mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-predeċessur tagħha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għaż-żamma ta' dak l-għasfur skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 6(1)(a) jew 6(1)(b), jew kienu ġew meħuda fi Stat Membru fejn il-kaċċa jew it-tehid tagħhom saret skont il-liġi jew b'xi mod ieħor akkwistat b'mod regolari skont id-Direttiva 2009/147/KE tal-UE, jew imrobbija fil-magħluq u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(e) ta' L.S. 549.42;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi uża għasafar bħala taħrik u għajjat li ma kinux imlibbsa ċurkett li jintuża darba li kien maħruġ mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li għandu l-kodiċi R16U, u/jew mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti) mlibbsa ċurkett magħluq u jew bgħula u/jew ibridi, bi ksur

ta' Kundizzjoni 20 tal-liċenzja speċjali għar-riċerka fuq is-seba` speċi tal-għasafar tal-għana fil-ħarifa tal-2022, u Regolament 12(K0 ta' L.S. 549.145;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, nasab fuq sit li ma ġiex reġistrat u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta' Kundizzjoni 11 tal-liċenzja speċjali għar-riċerka fuq is-seba` speċi tal-għasafar tal-għana fil-ħarifa tal-2022 u ta' Reg 12(d) ta' L.S. 549.145 u bi ksur ta' kundizzjoni 4 tal-liċenzja speċjali għall-insib tal-malvizz u pluviera tal-2022, u ta' regolament 7(d) ta' L.S. 549.74, u bi ksur tat-tieni proviso ta' reg 8(e) ta' L.S. 549.42.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**

Id-difiża qajmet eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* u argumentat illi l-fatt li l-imputat diġa ittieħditlu l-liċenzja speċjali minħabba l-fatti li qed jiġu allegati f'din il-kawża, allura huwa diġa effettivament ingħata piena għall-fatti li jsawwru l-akkużi mertu ta' din il-kawża u għalhekk ma jistax jerġa jgħaddi minn proċeduri kriminali oħra fir-rigward tagħhom.

Il-Qorti rat li din l-eċċezzjoni ġiet ikkonsidrata fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cledwyn Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Ġunju 2024 fejn intqal hekk:

> "L-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:
>
> 'Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra.
>
> Minn dak ritenut fl-Artikolu tal-ligi sucitat huwa car daqs il-kristall illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tan-ne bis in idem, irid ikun prova li l-proceduri ntemmew b' sentenza.
>
> […]
>
> Illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni ta' ne bis in idem, indipendentement minn jekk din hija imsejsa fuq il-Kodici Kriminali, fuq il-Kostituzzjoni jew fuq il-Konvenzjoni, irid jigi pruvat li l-istess persuna diga ghaddiet process penali (irrispettivament minn jekk dak il-process wassalx ghal sejbin ta' htija jew liberatorja) ghall-istess reati jew ghal l-istess fatti, b'mod li issa dik il-kwistjoni, cioe il-htija o meno ta' dik il-persuna ghal reati naxxenti minn l-istess fatti, hija res judicata.
>
> Illi din il-Qorti zgur ma tistax tqis bhala 'res judicata' l-fatt illi fi stadju nvestigattiv ilpulizija elevaw is-senter u l-licenzja specjali tar-Rebbiegha tal-appellant. Sabiex jigi nvokat il-principju tan-ne

bis in idem, id-decizjoni precedenti trid tkun frott ta' process penali; tkun ittihdet dwar l-istess fatti u cirkostanzi u tkun wahda finali u definittiva. Din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tqis il-poteri tal-pulizija sabiex jelevaw is-senter u l-licenzja specjali fi stadju hekk bikri, bhala decizjoni finali u definittiva, bhal ma hija decizjoni ta' Qorti li tkun res judicata."

Il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u tagħmlu tagħha. Il-WBRU mhijiex qorti u tteħid tal-liċenzja speċjali minnha ma sarx wara kawża. Għalhekk l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali manifestament mhuwiex applikabbli għall-fatti speċe ta' dan il-każ. Inoltre, l-Qorti tosserva li s-sospensjoni tal-liċenzja speċjali tal-imputat sa dan il-punt għadha temporanja. Huwa biss jekk jinstab ħati minn din il-Qorti ta' reat kontra ir-regolament 27 ta' L.S. 549.42 li l-liċenzja speċjali tiegħu tigi revokata. Għaldaqstant żgur li ma jistax jingħad li l-imputat diġa ġie kkastigat għall-egħmil li qed jiġi imputat bih f'din il-kawża.

Fil-mertu, l-Qorti rat li din il-kawża tirrigwarda insib għall-għasafar tal-għana, li allegatament ma kienx qed isir mill-imnasab irreġistrati mall-WBRU u pussess tal-għasafar mingħajr ċrieket kif meħtieġ mill-liġi. L-imputat mhuwiex qed jikkontesta li dakinhar tal-akkużi, u ċioe fil-5 ta' Novembru 2022, huwa kien qiegħed jonsob minn mansab li ma kienx debitament reġistrat mall-WBRU. Jgħid pero illi dan kien biss frott ta' żball minn naħa tal-WBRU għaliex hu kien ilu jonsob hemm snin sħaħ, u qablu anke missieru, iżda meta l-mansab ġie rreġistrat mal-WBRU, l-uffiċjal ikkonċernat għamilu timbre li bih qabad il-kamra u l-għalqa ta' wara, li ma kienx fejn verament kien hemm l-imnasab. Id-difiża tikkontendi li għalhekk l-imputat għandu jiġi lliberat mir-raba` akkuża għaliex huwa ċar li l-imputat instab fuq mansab mhux reġistrat biss minħabba żball minn naħa tal-WBRU li ġie aċċettat minnhom tant illi rretifikawh wara l-inċident in kwistjoni.

Il-Qorti rat illi huwa minnu li s-sit tal-imnasag irreġistrati ġie mċaqlaq wara l-inċident mertu ta' din il-kawża. Minn qari tax-xhieda u eżami tad-dokumenti pero ma jirriżultax assolutament li kien hemm xi aċċettazzjoni minn naħa tal-WBRU li dan iċ-ċaqliq kien xi rettifika ta' żball minn naħa tagħhom. Il-Qorti tosserva li minkejja li l-imputat jgħid li dan kollu kien malintiż minħabba l-post fejn l-uffiċjal tal-WBRU kien għażel li jagħmel it-timbru fuq il-pjanta, l-indikjazzjoni tal-mansab fuq il-pjanta ma saritx permezz tat-timbru iżda permess ta' marka magħmula bl-idejn (Dok CG2), u għalhekk din il-kwistjoni ta' fejn tpoġġa t-timbru hija għal kollox irrelevanti. Anke l-allegazzjoni li s-siti kien ġew immarkati ħażin tant li tpoġġew fuq xi kmamar tirriżulta infondata. Ir-ritratt li jinsab fit-tieni paġna ta' Dok CGX1 juri li fil-ġurnata mertu ta' dawn l-akkużi l-imnasab irreġistrati assolutament ma kinux fuq kmamar. Ikkonsidrat dan kollu, l-Qorti tqis li d-difiża tal-imputat fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-imnasab ma toħloqx dubju raġonevoli li għandu jwassal għall-liberazzjoni tiegħu.

Il-Qorti tkompli tosserva li mill-atti jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubbju li fil-5 ta' Novembru 2022 l-imputat kien fil-pussess ta' seba` għasafar li kien liebsin ċurkett falz li ma nħariġx mill-WBRU, u dan partikolarment kif

ikkonfermat minn Cassie Grech fix-xhieda tagħha waqt is-seduta tas-26 ta' April 2024. Pero imkien fl-atti ma hemm prova li l-imputat kien qed juża xi wieħed minn dawn l-għasafar bħala taħrik u għajjat, u għalhekk ma jistax jinstab ħati tat-tielet akkuża.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4(1)(a), 4(1)(e), it-tieni proviso tar-regolament 8(2) u r-regolament 27 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, ir-regolament 12(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.145 u r-regolament 7(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.74, issib lill-imputat mhux ħati tat-tielet akkuża u konsegwentement tilliberah minnha, filwaqt li ssibu ħati tal-bqija tal-akkużi u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200).

Il-Qorti tordna l-konfiska tax-xbieki indikati f'Dok AV1 u s-sospensjoni ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għal tlett snin.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur